MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 465/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**ELAINE MUSCAT**

**(ID: 204981M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ELAINE MUSCAT** bint Louis Muscat u Valerie-Helen nee' Borg, twieldet nhar id-19 ta' April 1981 gewwa l-Pieta', residenti 16, Flat 1, Triq Bonavita, San Giljan u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 204981(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta' Mejju, 2013 bejn is-siegha u nofs ta' filghodu u is-saghtejn u nofs ta' filghodu (01:30a.m-02:30a.m) ikkommettiet serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-'hin' u bil-'persuna' u li sar ghad-detriment ta' Noel (Emanuel) Mifsud u/jew ta' persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

Akkuzata talli laqat ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Akkuzata aktar talli fl-istess gurnata ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01:30a.m) f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recediva b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu. Art 49, 50 Kap 9.

Akkuzata aktar talli fl-istess data u hinijiet kisret kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta fuqha mill-Qorti ta' l-Imhallef Dr. David Scicluna LL.D u l-Magistrat Dr. G. Vella LL.D. li inghataw fit-08 ta' April, 2013 u l-14 ta' Marzu, 2012 rispettivament u cioe' dik li kellha tkun rinkazata mit-tmienja ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija Elaine Muscat u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali imposta mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom okkorrenza a fol 7 et seq., stqarrija a fol. 12 et seq., digriet tal-kundizzjonijiet ghall-harsien mill-arrest a fol. 15, l-ordni provizorju ta' supervizjoni minn Probation a fol. 16 et seq., sentenza mmarkata a fol. 18 et seq., estratt mill-att tat-twelid a fol. 21 u fedina penali a fol. 22 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta lilha nhar it-13 ta' Mejju 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u rat li fis-

seduta tal-4 ta' Lulju 2014 (fol. 189) l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex tigi gudikata minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Ikkunsidrat.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2013 xehed **Noel Mifsud** u gie mistoqsi rigward rapport li kien sar min-naha tieghu lill-pulizija u gie mitlub jispjega fuq x'hiex u x'gara dakinhar qabel ma pprezenta r-rapport tieghu. Huwa spjega li kienu ghall-habta tas-siegha u nofs (1:30) ta' filghodu fejn kien niezel mill-Gzira fl-akkwati bejn L-A One Bar u Ripard u hemmhekk kien hemm Elaine li kienet qieghda hemmhekk. Hu dak il-hin l-ispeed tal-vann naqsu u bazikament ghamlitlu sinjal biex jieqaf. Huwa rega' dar, waqaf u qaltlu insomma li kienet ghax-xoghol, staqsiha xi trid u ftehemu l-prezz u qalilha fejn ha jmorru, qaltlu li ghandha post qieghed lejn San Gwann. Rikbet u telqu, gibed lejn in-naha tas-Savoy, baqghu telghin u kif waslu n-naha tas-Savoy fuq qaltlu biex jigbed lejn San Gwann u bazikament kif waslu f'nofs ta' triq qaltlu biex idur, kien hemm triq fin-nofs biex idur minnha u qaltlu: "*kif insibu l-ewwel parking nipparkjaw*".

Bazikament tela', ipparkjaw u mbaghad urietu, indikatlu fejn kien il-post biex jidhlu fih. Bazikament fethet l-ewwel porta li kienet tal-*aluminium silver*, imbaghad kien hemm bieb iehor u dahlu f'dan il-post. Spjega illi kif tidhol f'dan il-post kien hemm is-sodda tidher mal-ewwel, kien hemm kcina fuq in-naha tal-lemin u kif dahal talabha biex jaghmel *toilet*. Faccata fil-kamra kien hemm il-kamra tat-*toilet* fuq naha u kien hemm qisu dahla n-naha l-ohra, huwa dahal jaghmel *toilet*, kif hareg mit-*toilet* dahhal idejh fil-but tan-naha tax-xellug, hareg il-flus li kellu hemmhekk li kienu madwar

hamsa u sebghin (€75) kienu f’naha minnhom, qabad ghoxrin (€20) minnhom u tahomlha. Imbaghad resaq lejn is-sodda fejn mas-sodda ezatt in-naha tax-xellug kien hemm zewg pultruni suwed li kienu ezatt mas-sodda.

Huwa dak il-hin nehha il-*jeans* li kellu fuqu, poggih fuq il-pultruna u pogga fuq is-sodda, imbaghad kienet gharkuptejha fuq in-naha tal-*left*, bdiet taghmel li kellha taghmel u jdejjha ma bdietx tidher xejn. Huwa wara ftit tal-hin qaltlu: “*ejja ha nlestu ghax sarli l-hin*” qaltlu “*ha ngiblek il-condom*”, gabet il-*condom* u lestew. Spejga li dan kollox ma hax iktar minn ghaxar (10) minuti. Huwa qam u kif dar biex jilbes il-*jeans* hi kienet qamet u marret iggib borza biex jarmi l-*condom* fiha u huwa mbaghad dar bilqieghda biex jilbes il-*jeans*.

Kif huwa beda jilbes il-*jeans* hi kienet qed taghmel xi haga faccata fejn kien hemm *television* u hija kellha basket u qaltlu: “*ghandek pakkett mal-art*”, huwa gabru u tefghu fil-but. Huwa hareg, qaltlu: “*jimporta terga’ twassalni fejn ippikkjajtni*?” Qalilha: “*mela le”,* huwa t-triq tieghu ghall-Imsida minn hemmhekk, rega’ nizzilha u halliha hemmhekk, qabel nizlet minn fuq il-vann qaltlu: “*qis li ma tghid lil hadd*”, qalilha: “*le*”. Huwa joqghod fejn il-Busy Bee ddur l-ewwel triq, jigifieri kull ma kien hemm minn fejn halliha ghal fejn mar id-dar tieghu m’hemmx iktar minn tlett (3) minuti b’karozza. huwa kif dahal id-dar u beda ha johrog l-affarijiet minn gol-but idahhal idu l-ewwel biex johrog dawk il-flus li kien baqalu mill-hamsa u sebghin ewro (€75) u ma sabhomx, kif dak il-hin huwa ma sabx dawk il-flus hareg *envelope* li kellu n-naha l-ohra. Spjega li dan sehh bejn il-Hadd u t-Tnejn, il-flus huwa kien ippikkjahom minghand il-*partner* tieghu tar-*restaurant*

*dakinhar stess* il-Hadd wara nofsinhar peress li t-Tnejn ma jarahiex biex it-Tnejn imur jittrasferihom f'kumpanija biex jinvestihom barra minn Malta biex igibu x-xoghol.

Huwa ma sabx il-flus li kellu fl-*envelope*, il-karti tal-hames mitt ewro (€500) ma rahomx. Kif ma rax il-karti tal-hames mitt ewro (€500) huwa dak il-hin kien qed ihossu ser jiggennen. Telaq jigri, rega' mar jipprova jfittixha fejn halliha ma sabhiex, rega' mar ihabbat il-bieb dak il-post ta' fejn kienet haditu u ma sabhiex, minn hemm hu baqa' sejjer l-Ghassa ta' tas-Sliema, sab is-Surgent jew Pulizija ma jifktakarx x'kien ghax kien mifxul ghall-ahhar u mbaghad huwa qallu: "*gratli xi haga lanqas naf kif ha naqbad nispjegahielek*". Qallu: "*x'garalek*?" Qallu "*ha nghidlek",* u qallu l-istorja li spjega hawnhekk u qallu: "*kemm kellek flus*?" Qallu huwa hareg l-*envelope* bil-flus mieghu ghaliex peress li kien qed joqghod go *furnished flat* ma hallihx hemmhekk u meta hareg il-Hadd hadu mieghu. Qallu: "*kemm kellek*?" Qallu: "*kelli erbatax-il elf u tmien mija* (14,800) u hu hareg l-*envelope* u dak il-hin qallu: "*kemm haditlek?"* Qallu: "*ha nghoddhom*", ghoddhom u kien baqa' tlett elef u hames mija (3,500) fl-*envelope*, allura kien hemm neqsin hdax-il elf u tliet mija (11,300) *plus* dawk is-€60 li kien baqa' fil-but in-naha l-ohra, dak l-ammont kollox li haditlu.

Dak il-hin stess il-Pulizija ghajjat lil xi pulizija li kien qed jaghmel ir-ronda u dak il-hin stess nizlu jfittxuha fil-post, mentri fil-post ma sabuhiex mal-ewwel u kien hemm karozza tal-Pulizija ohra tipprova tfittixha, marru fejn toqghod ghax imbaghad wara l-Pulizija nfurmawh li dak l-appartament ma jigix ma' tas-Sliema imma jigi ma' San Giljan. Bdew ihabtulha l-Pulizija mal-bieb u ma fetah hadd fl-ebda hin. Imbaghad rega' mar l-Ghassa ta' tas-

Sliema u s-Surgent li kien hemm infurmah li jrid jinzel l-Ghassa ta' San Giljan ghax dak l-appartament jaghmel mal-Ghassa ta' San Giljan.

Huwa rega' nizel l-Ghassa ta' San Giljan, rega' spjegalhom u ghamlu rapport dak il-hin. It-Tnejn filghodu regghu cemplulu biex jerga' jmur u rega' tahom kollox bid-dettall u l-ghada t-Tlieta rcieva telefonata biex dakinhar ghall-habta tas-siegha (1:00) jiltaqa' mas-Sur Cordina u mal-Ispettur tal-Ghassa ta' San Giljan. Mistoqsi jekk jaghrafx lill-persuna gewwa l-awla li qal li mar maghha huwa spjega li qieghda bilqieghda fl-awla. Huwa ndika lill-imputata u spjega li fil-fatt hija mill-Belt bhal ma hu hu u meta mar l-Ghassa ta' Tas-Sliema biex jaghmel rapport hu kien indikalhom min kienet.

Mitlub jispjega ghaliex kellu dak l-ammont ta' flus fuqu huwa tenna li dawn kienu ser ikunu flus li kienu destinati sabiex jintefghu f'kumpanija gdida, sintendi dawn il-flus selfithomlu l-*partner* tieghu li hija *partner* tieghu fir-*restaurant* u peress li hi gibdithom is-Sibt u l-Hadd ma setghax jehodhom il-Bank u kien sejjer bihom it-Tnejn filghodu biex jitrasferihom barra biex ihallas xoghol li parti minnu kien inbid u parti minnu kien ha jkun magni tal-kafe' u xoghol ta' kafe' li kien se jibda jgib hu f'din il-kumpanija gdida.

Mistoqsi  jaghti deskrizzjoni tal-post kif kien ta' din il-kawza li huwa dahal fiha huwa spjega li hekk kif ipparkja l-ewwel tiftah bieb tal-*aluminium silver* u mbaghad tidhol bicca jigifieri dan hemm xi tarag ghax hemm xi post iehor fuq. Hekk kif tidhol issib ruhek f'mezzanin isfel u ssib bieb iehor tal-*aluminium*. Kif tidhol minn dan il-bieb issib fuq ix-xellug xi bank tal-kcina. Is-sodda mal-ewwel tidher mill-faccata u fuq naha minnhom hemm kamra

tal-banju. In-naha l-ohra kien hemm qisha dahla zghira. Gie muri l-iskizz u spjega li dan kien ghamlu hu waqt li beda jispjega lis-Sur Cordina gewwa d-Depot. Mistoqsi jaghrafx il-firma tieghu wiegeb li iva dik hija ffirmata minnu. Dan l-iskizzi gie ezebit u mmarkat bhala Dok. NM1.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil Muscat kienx jafha huwa spjega li iva. Mistoqsi x'kien jaf ukoll fuqha rigward mhux li hija mill-Belt biss huwa spjega li huwa kien jaf li speci kellha xi vizzjijiet tad-drogi u jaf li gieli serqet xi affarijiet u hekk. Mistoqsi dakinhar min kien hemm nies gol-*flat* taghha huwa spjega li ma kien hemm hadd fil-fatt staqsiha minn qabel u baqghet tghidlu li ma kien hemm hadd. Mistoqsi jekk rax xi nies meta mar fil-flat jghid li le kienu hu u hi biss apparti li kien hemm qattus kannella li kien qieghed fuq is-sodda n-naha l-ohra tas-sodda. Mitlub jispjega ezattament lill-Qorti x'sar lilu min-naha taghha waqt li kienu fid-dar, kif kienet il-pozizzjoni u x'sar u ma sarx huwa spjega li hu fil-fatt f'dak l-isketch is-sodda kienet hekk, hu kien fuq din in-naha tas-sodda fejn in-naha ta' fejn kien hemm il-pultruni. Huwa kif spjega nehha l-*jeans* u ta' taht u baqa' bil-qmis. Huwa kien qieghed fuq is-sodda mindud u hi kienet gharkuptejha kienet qed taghmel *blow-job* mieghu dak il-hin u jdejha li zgur kienu jlahhqu l-pultruni li kien hemm ma kinux jidhru, jigifieri jdejha minnhom ma kienet tidher fl-ebda hin. Jigifieri hu kien fuq il-parti tas-sodda u hi kienet gharkuptejha hdejh. Mistoqsi jekk f'kelma wahda fil-pozizzjoni li kienet hi u anke hu setghax jara x'setghet taghmel huwa spjega li le hu l-pozizzjoni li kien il-pultruni jkunu hawnhekk ma jidhrux, jigifieri l-*jeans* mill-pozizzjoni li kien hu ma kinux jidher.

Mistoqsi jekk setghax jintlahaq facilment huwa spjega li seta' jintlahaq facilment ghax spjega li ma kienx fin-nofs tas-sodda, hu kien f'naha tas-sodda. Mistoqsi jispjega lill-Qorti l-ghala ma setghax jidher il-pultruni u

lanqas il-*jeans* huwa spjega li huwa kien f'naha minnhom tas-sodda u hi kienet fit-tarf tas-sodda, jigifieri kienet gharkuptejha ezatt fit-tarf tas-sodda. Saqajha, bhal meta bniedem ikun gharkuptejh, saqajha kienu barra mis-sodda, jigifieri saqajha kienu jmissu ezatt fuq il-pultruna li kien hemm hemmhekk, dawk li spjega li kienu zewg pultruni suwed. Mistoqsi jispjega l-fatt il-ghala hu daqshekk cert li kienu fuqu dawn il-flus li semma' huwa spjega li l-hin kollu beda jiccekkja dawn il-flus u fil-fatt tant kemm hu cert li kellu l-*envelope* illi jiftakar li hi qaltlu biex jigbru mill-art. Huwa spjega li hi kienet qed taghmel xi haga kwazi daharha lejn il-hajt u fil-pront daret malli ha jaqbad il-*jeans* u qaltlu "*ghandek envelope mal-art*".

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2014 **Noel Mifsud** xehed in kontro-ezami u spjega illi huwa minnu kif diga' xehed li huwa jahdem fil-kummerc. Huwa minnu li huwa kellu somma flus fuqu u zammha fil-pussess tieghu ghall-perjodu ta' gurnata. Spjega li effettivament l-ammont kien hmistax-il elf (15,000). Kienu gew mghoddija lilu jum il-Hadd wara nofsinhar u zammhom fil-pussess tieghu sal-ghada. Anzi spjega illi l-incident in kwistjoni sehh dakinhar stess il-Hadd filghaxija ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1:00am) u cioe' sbieh it-Tnejn. Fil-*business* tieghu huwa ma ghandux *safe* fejn izomm dawn il-flejjes.

Huwa minnu kif diga' xehed quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli li l-imputata jafha ghaliex it-tnejn mill-Belt u fil-fatt huwa minnu li hu kien jaf illi l-imputata ghamlet stejjer kif ghamlet fil-konfront tieghu u fil-konfront ta' terzi. Spjega illi d-denominazzjoni ta' dawn il-flejjes hafna minnhom kienu *five hundred euro* (€500) *notes*. Kienu f'*envelope* fil-but tieghu. Huwa hallihom fil-but fejn kien poggihom u ma ha l-ebda prewkazzjoni ohra.

Illi nhar l-4 ta' Lulju, 2013 xehed **PS94 Jack Farrugia** u gie mistoqsi x'kien l-involviment tieghu fl-Investigazzjoni fuq rigward il-kawza u huwa spjega li nhar it-tlettax (13) ta' Mejju, elfejn u tlettax (2013) kien dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' San Giljan ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00am) fejn kien mar certu Noel Mifsud. Dan kien allega li kien ghamel lejl Paceville u kellu ammont ta' flus xi ghaxart elef Ewro (€10,000) u fi triqtu lura lejn id-dar ghadda mill-Gzira, waqaf fejn l-A1 Bar kien hemm mara li ndikaha bhala Elaine li tinsab prezenti fl-Awla, tellaghha mieghu fil-vann jew karozza li kellu u haditu fil-*flat* taghha go San Giljan. Dan il-flat jinsab fl-indirizz *sixteen* (16), Flat 1, Triq Bonavita, San Giljan.

L-ghada filghaxija infurmah l-Ispettur Cordina illi kienet giet arrestata Elaine fejn l-ghada wara nofsinhar ghall-habta tas-saghtejn (2:00), it-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00pm) kien mar ma' PC 1303 u Noel stess tela' fil-karozza maghhom biex jindikalhom ezatt fejn kien il-*flat* fejn kien mar ma' Elaine Muscat. Kien hadhom fi Triq Bonavita, San Giljan pero' kien ipparkja jidhirlu Triq il-Ballut fit-telgha u ndikalhom bieb ta' *flat* li hu n-*number sixteen* (16) li kien bieb tal-*aluminium*. Kien iddeskrivilhom ezatt il-*flat* kif kien, li kien bieb tal-*aluminium*, tidhol kurutur, *flat* qisu taht tarag u meta tidhol gewwa kull ma hemm zewgt ikmamar.

Meta dahlu gewwa u habbtu t-tieni bieb li huwa l-propja bieb tal-*flat* ma fethilhom hadd u kienu ghamlu *enquiries* mal-gar. Sadanittant waqt li kienu qed jitkellmu mal-gar li toqghod sular fuq, kien gie Sandro Mifsud li kien ghadu kif dahal li huwa l-*partner* taghha stess. Nizlu x-xhud u PC 1303 biex ikellem lil Sandro u qallu jekk jaccettax jekk hu jidhol jaghmel *search*

bil-volonta' tieghu. Qallu mhux problema qallu biex jidhol,ghamlu *search* ghal xi hwejjeg ghax kien indikalhom li meta kien mar maghha hemm kellha qalziet ta' taht *turqoise* apparti li ndikalhom l-*flat* kif kien.

Meta dahal kellem lil Sandro beda jiehu xi ritratti tal-post bil-*mobile* tieghu stess u fuq hogor it-tieqa, hemm qisha bitha zghir kien hemm qalziet ta' taht bl-istess kulur *turquoise* li Sandro qallu kien sabu mal-art u poggieh f'hogor it-tieqa. Elaine kienet qaltilhom li gol-*flat* ghandha xi qattus izda ma rax qtates pero' fil-bitha kien hemm landa b'xi ikel ta' xi annimal. Pero' stqarr illi qattus ovvjament jista' jistahba.

Ix-xhud ha r-ritratti tal-post. Ghamel *search* u ma sab xejn ta' affarijiet li jistghu jiehdu huma, ma ha xejn. Pero' gol-*flat* kien hemm xi banketti wkoll li kien iddiskrevilhom Noel bhala dawn li huma dawn li tpoggi saqajk meta jkollok is-sufan. Il-bqija dak li ghandu xi jghid. Gie mistoqsi jekk ghandux xi ritratti li semma' u huwa spjega li hawnhekk ghandu erbatax (14)-il ritratt li spjega li hadhom bil-*mobile* tieghu stess. Huwa ddikjara li qed jesebixxi CD li jikkontjeni erbatax (14)-il ritratt li hija dokumentata Dok. JF 1.

Mistoqsi jekk kellux sehem aktar fl-Investigazzjoni huwa spjega li mbaghad kienet giet interrogata Elaine Muscat gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Carlos Cordina minnu stess u l-Ispettur Trevor Micallef. Kien prezenti fl-Interrogazzjoni fejn hija kienet cahdet l-involviment taghha fis-serqa ta' dawn il-flus imsemmija. Mistoqsi jekk ghandux idea min kienet dik il-persuna l-ohra anzjana li f'hin minnhom kienet hemm huwa spjega li l-persuna huwa Noel Mifsud li ghamel ir-rapport. Mistoqsi jekk kienx qieghed hemmhekk dak il-hin huwa spjega li kien prezenti meta gie

mitkellem Noel Mifsud ukoll waqt li kien qieghed jghid il-verzjoni tieghu. Mistoqsi x'kienet ir-reazzjoni ta' Elaine Muscat huwa spjega li Elaine Muscat baqghet tichad li dakinhar kienet marret mieghu, pero' li kienet tafu sew jigifieri hi. Mistoqsi jekk jaqbilx li dak il-hin waqt li kien qed jirrakkonta hi ma nislitx l-ebda kelma huwa spjega li ma tkellmitx.

Illi nhar l-4 ta' Lulju, 2013 xehed **PS609 James Magro** u gie mistoqsi jekk waqt li kien qieghed xoghol *night* sarlu xi rapport minn persuna huwa spjega li iva. Mistoqsi x'tip ta' rapport kien u x'gara huwa spjega li fit-tlettax (13) ta' Mejju ghall-habta tat-tlieta nieqes kwart ta' filghodu (2:45am) kien gie l-Ghassa certu Noel Mifsud fejn xtaq jaghmel rapport li dak il-lejl kienu nsterqulu l-ammont ta' hdax-il elf u tlett mija (€11,300). Issa meta beda jitkellmu ha jispjegalu x'gara hu qal li dak il-lejl kien hareg il-Hugo's li jinsab San Giljan u meta kien sejjer lura d-dar bejn is-siegha u nofs ta' filghodu (1:30am), is-saghtejn u kwart (2:15) kien ghadda mill-Gzira fejn hemmhekk kien ra lil wahda li kien jaf mill-Belt li hija Elaine Muscat. Mistoqsi jekk jaghrafhiex fl-Awla huwa spjega li iva tinsab bilqieghda. Huwa spjega li bazikament hu qallu li waqaf ikellimha u offrietlu biex imorru Bonavita Street, gewwa l-*flat*. U meta marru hemmhekk kellu dawn il-flus li kienet hadithomlu minn go *envelope* li kienu fuqu fil-but tal-qalziet. Mistoqsi hemmhekk wara li qallu din l-istorja kollha ta' x'garalu, x'ghamel hu min-naha tieghu huwa spjega li tas-Sliema kienu diga' infurmati ghax Noel Mifsud kien diga' mar l-Ghassa tas-Sliema u kienu diga' qed iwettqu l-*patrol scan*, il-Gzira fejn kien waqqafha, infatti kien hadhom hu l-kwerelant. U kif ukoll fejn Triq Bonavita ghax marru jaraw minn fejn haduhomlu dawn l-affarijiet u minn hemmhekk hi ma setghux isibuha la l-Gzira u lanqas San Giljan. Mistoqsi jekk hu fuq dan l-

indirizz li qallu bih Noel mar prezenti huwa spjega li iva mar imma ma kienx hemm. Mistoqsi x'ghamel huwa spjega li habbat il-bieb. Imma ghal dak il-hin ma kien hemm xejn u l-girien jahseb li kienu reqdin. Mistoqsi jekk semghux xi hadd huwa spjega li ma sema xejn. Mistoqsi jekk ghandux jipprezenta xi rapport huwa spjega li iva ghandu kopja tar-rapport hawnhekk. Mistoqsi jekk hux iffirmat minnu u jekk l-okkorrenza hijiex imdahhla minnu huwa spejga li dik hija okkorrenza mdahhla minnu imma mhux iffirmata minnu. Huwa ddikjara li qed jipprezenta kopja tar-rapport Dok. JM 1.

Mistoqsi meta dakinhar li gie Noel Mifsud l-Ghassa f’liema stat kien, kienx normali u jistghax jghid lill-Qorti ezatti f'liema stat kien huwa spjega li kien jinstab f'daqsxejn ta' paniku nfatti dam hemmhekk l-Ghassa mieghu sal-erbgha u nofs (4:30) mit-tlieta nieqes kwart (2:45) ghax ma felahx la jsuq u kellu daqsxejn ta' roghda fuqu. Mistoqsi jekk inghaddewx il-flus hemmhekk gewwa l-Ghassa huwa spjega li iva hu kien ghoddhom quddiemu u kull ma kellu minghalih kien ghad fadal xi tlett elef u hames mija (3,500) gol-*envelope* u fejn kellu erbatax-il elf u tmien mija (14,800) fih fil-bidu. Mistoqsi jekk hux qed jitkellmu Ewros huwa spjega li Ewros.

Illi nhar l-4 ta’ Lulju, 2013 xehdet **WPC 245 Christina Delia** u giet mistoqsija x'kien l-involviment taghha f'dal-kaz li kienet hi fih u x'kienet xoghol u fejn hi stazzjonata hija spjegat li hija stazzjonata gewwa l-Ghassa San Giljan. Nhar it-tlettax (13) ta' Mejju kienet xoghol *first watch* jigifieri fil-hamsa ta' filghodu (5:00am) u giet infurmata mis-Surgent 609 li kien dahal rapport rigward serq ta' xi flus matul il-lejl u nfurmaha wkoll biex jitkellmu mal-Ispettur Trevor Micallef li kien l-Ispettur tal-ghassa dakinhar f'San Giljan.

Hija filghodu cemplet lill-Ispettur Trevor Micallef u nfurmatu bil-kaz. Huwa min-naha tieghu kien talabha biex titkellem mal-vittma Noel Mifsud biex tiehu il-verzjoni tieghu ta' x'kien gara ezattament, meta nsterqu dawn il-flus. Min-naha taghha hija cemplet lis-Sinjur Mifsud u talbitu biex jinzel l-Ghassa San Giljan. Huwa nizel l-Ghassa San Giljan u waqt li kien qieghed hemmhekk huwa taha l-verzjoni tieghu ta' x'kien gara. Huwa stqarr li dak il-lejl ta' qabel huwa kien hareg u mar Paceville. Qabel ma kien hareg huwa kien ha *envelope* mieghu li fih kellu ammont sostanzjali ta' flus li kien ta' erbatax-il elf u tmien mija (14,800). Huwa stqarr li qabel ma dahal Paceville kien hareg mitt Ewro (€100) minn gewwa l-*envelope* u tefaghhom fil-but tal-qalziet u l-*envelope* bil-flus l-ohra tefaghhom fil-but tal-qalziet fuq in-naha l-ohra. Hu stqarr li dakinhar kien mar gewwa Hugo's Terrace biss u ma kien mar fl-ebda *club* iehor. Huwa kompla jistqarr ukoll li wara li telaq minn Paceville biex imur lejn id-dar huwa kien ghadda minn Ta' Xbiex minn fejn hemm l-A1 Bar u kien ra lil certu Elaine Muscat fil-genb tat-triq. Hu kien stqarr li hija kienet ghamlitlu sinjal u huwa kien waqaf hdejha fil-genb u bdew jitkellmu. U kompla ukoll jghid li f'hin minnhom hija kienet staqsietu jekk riedx imur maghha u huwa kien accetta. Kien staqsiha bil-kemm tiehu u hi talbitu ghoxrin Euro (€20) u hu accetta. Dak il-hin huwa staqsiha hemm fejn kienu ha jmorru u hija qaltlu biex imorru fil-*flat* taghha San Gwann biss wara kien irrizulta li kien gewwa San Giljan bhala lokalita'. Hu kien qal ukoll li huwa qallha biex imorru l-*flat* tieghu l-Imsida izda hi qaltlu le u talbitu biex imorru gewwa l-*flat* taghha ta' San Giljan u hu accetta. Hi rikbet fil-vettura mieghu u marru fil-*flat* taghha li jinsab fi Triq Bonavita, San Giljan. Huwa stqarr li kien ipparkja l-vettura tieghu u dahal maghha fil-*flat number sixteen* (16), Flat 1, li kien jinsab fis-sular ta' isfel. Hu kien staqsiha wkoll jekk kienx hemm xi hadd gewwa l-*flat* u hija kienet accertatu li ma kien hemm hadd.

Kif dahal gewwa huwa mar jaghmel uzu mill-*bathroom* u wara baqa' diehel gewwa fil-kamra tas-sodda. Huwa stqarr li kien nehha l-hwejjeg u twijhom u tefghahom fuq pultruna li kien hemm fejn is-sodda u kien intefa' fuq is-sodda. Hu stqarr li qabel ma bdew hija kienet ghaddiet minn fejn kien hemm il-hwejjeg biex marret iggib il-kontracettivi minn gewwa l-basket li kien qieghed fuq il-gradenza. Hu dak il-hin stqarr ukoll li ma kienx qieghed ihares lejha waqt li kienet qieghda taghmel dan. Wara li kienu lestew hija kienet qamet minn fuq is-sodda u marret iggib borza minn gewwa kamra ohra biex jarmu l-kontracettiv izda qabel ma marret fil-kamra l-ohra hija kienet qaltlu li kien waqalu *envelope*. U dak il-hin kien gabar l-*envelope* li kien jinhass li kien hemm xi haga fih biss dak il-hin huwa ma qaghadx jiccekkja kemm kien hemm flus gewwa l-*envelope*. Huwa stqarr ukoll li l-mod kif kien tewa l-hwejjeg l-*envelope* ma setghax waqa’ minn gol-qalziet. Hu stqarr li mbaghad telaq wassal lilha rega' Ta' Xbiex minn fejn kien gabarha u telaq lura lejn id-dar. X'hin wasal id-dar tieghu gewwa l-Imsida hu mar johrog l-*envelope* bil-flus u fetah l-*envelope* nduna li kellu l-flus neqsin. Il-flus li kienu neqsin kienu kollha *bank notes* ta' hames mija (500). Mistoqsija jekk dan kollu li qrat issa huwiex imnizzel min-naha taghha hija spjegat li iva. Hija ddikjarat li qed tesebixxi Dok. CD 1 li huwa minnha ffirmat.

Illi nhar is-6 ta’ Awwissu, 2013 xehed l-**Ispettur Fabian Fleri** u spjega li qed jigi muri Dok. CC 4 minn fol. tmintax (18) sa fol ghoxrin (20) tal-Process. Jikkonferma li dawn huma l-*bail conditions* hekk kif gew riveduti mill-Qorti Kriminali mill-Imhallef David Scicluna fil-kawza **'Il-Pulizija vs Ray Muscat'** li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u l-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz. Qed jaghraf lil Elaine Muscat bhala l-istess persuna mputata f'din il-kawza.

Illi nhar is-6 ta’ Awwissu, 2013 xehed l-**Ispettur Joseph Mercieca** u spjega li qieghed jara dokument CC 3 a folio sittax (16) tal-Process li huma kopja legali tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fil-konfront tal-imputata Elaine Muscat li qieghed jaghraf hawnhekk gewwa din l-Awla. Dawn il-kundizzjonijiet kienu gew moghtija mal-prezentata mill-Magistrat Gabriella Vella nhar l-erbatax (14) ta' Marzu, elfejn u tnax (2012) u ghadhom vigenti sallum. Il-kaz ghadu pendenti quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli. Li xtaq izid apparti dan id-dokument huwa l-fatt illi dana fit-tlettax (13) ta' Mejju ta' din is-sena dahal l-ufficcju s-soltu f'xi tmienja ta' filghodu (8:00am) kien qed jaghlaq ir-rapporti bhal ma jaghmel is-soltu u kien hemm rapport ta' serqa fejn bhala suspettata kien hemm l-imputata Elaine Muscat.

Illi nhar is-6 ta’ Awwissu, 2013 xehed **PC 1303 Brian Micallef** u spjega li huwa kien xoghol mal-Ispettur Carlos Cordina fejn flimkien mas-Surgent 94 baghtu flimkien ma' certu Noel Mifsud jurihom fejn kien iltaqa' ma' Elaine fejn il-1 Bar li jigi bejn il-Gzira u Ta' Xbiex, hadhom fuq il-post. Minn hemmhekk urihom it-triq li ghaddew minnha sabiex waslu fil-*flat* li huwa *sixteen* (16), Flat 1, gewwa Triq Bonavita, San Giljan. Kif kienu qed jaghmlu xi *enquiries* hu u s-Surgent avvicinhom Sandro Mifsud li jixxerja l-*flat* ma' Elaine stess u talabhom jekk iridux xi haga. Huwa gharafhom li huma kienu Pulizija u filfatt qalulu li xtaqu jkellmuh. Volontarjament dahhalhom fil-*flat* gewwa fl-appartament imsemmi u hemmhekk setghu jikkonfermaw dak li qalilhom Noel x'ra u ma rax meta kien fil-*flat* gewwa ma' Elaine. Illi biex jiddiskrivi kif kien il-post tidhol mill-bieb ta' barra fi ftit metri qosra l-boghod issib tarag ghal fuq fejn hemm appartament fuq u ta' appartament

iehor isfel li huma ha jitkellmu fuq l-appartament ta' isfel. Kif tidhol minnu ssib qisu passagg li jifforma kcina, minnu tghaddi ghall-kamra tas-sodda mbaghad fejn hemm it-*toilet* u fuq in-naha int u diehel fuq in-naha tax-xellug hemm dahla zghira. F'din id-dahla setghu jinnutaw iz-zewg pultruni banketti suwed fejn Noel stess qal li halla l-qalziet fuqu u huma u hergin il-barra raw qalziet ta' taht tan-nisa ta' kulur celesti li skond id-deskrizzjoni ta' Noel huwa l-istess qalziet ta' taht illi kienet liebsa Elaine f'dik il-lejla. Mistoqsi l-ewwel darba li sema' d-deskrizzjoni minghand min kienet tal-*flat* huwa spjega li minghand Noel. Mistoqsi min huwa Noel Mifsud huwa spjega li Mifsud huwa l-*complainant* li qed jghid li serqulu xi flus minn gol-qalziet tieghu stess. Mistoqsi jekk jafx lil Elaine Muscat huwa spjega li iva qed jaraha fl-Awla. Mistoqsi fejn hu stazzjonat huwa spjega li s-CID fl-ufficcju tal-Ispettur Carlos Cordina.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 xehed **PS1128 Glenn Sammut** u gie mistoqsi x'ghandu xi jghid huwa spjega li kien nhar it-tlettax (13) ta' Mejju, elfejn u tlettax (2013) fejn x'hin dahal gewwa l-Ghassa San Giljan ghan-*night watch* hallewlu *hand over* biex imur gewwa l-Ghassa l-Qawra biex minn hemmhekk jigbru lil certu Elaine Muscat u jiehduha gewwa l-*Lock Up*. Huwa flimkien ma' tlett Pulizija ohra minn tieghu marru l-Ghassa l-Qawra fejn kif ra lil Elaine Muscat huwa mal-ewwel taha s-solitu twissija fejn dakinhar stess kienet ghazlet li tkellem lil Dr. Joe Brincat minn gewwa l-Ghassa fejn fil-fatt ghamel kuntatt mal-Avukat taghha u l-Avukat kien kellimha minn gewwa l-Ghassa tal-Qawra.

Wara li kienu marru ghaliha gew ordnati biex imorru wkoll gewwa Triq Bonavita, San Giljan flimkien ma' Ray Muscat biex jaghmlulha xi tip ta' tfittxija ghal xi affarijiet li kien hemm fuq dan il-kaz fejn x'hin marru

jhabbtu gewwa dan il-*flat* fejn suppost kien hemm jghix maghha certu Sandro Mifsud dan ma fethilhom hadd. Imbaghad wara baqghu sejrin gewwa l-*Lock Up* u hallew lil Elaine Muscat hemmhekk ghal aktar investigazzjonijiet. Mistoqsi minn tah dan l-indirizz sabiex imur jaghmel tfittxija huwa spjega li kien hadu mill-*hand over* stess fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan fejn hi kkonfermat li kienet qed toqghod fi Triq Bonavita. Mistoqsi kif ghamlu mezz sabiex jifthulhom huwa spjega li ppruvaw kemm icemplu lil Sandro Mifsud fuq il-*mobile* kif ukoll jhabbtu kemm-il darba mal-*flat* izda hadd ma fethilhom. Mistoqsi ghal x'hin kien jghid, spjega li bejn wiehed u iehor kien is-siegha ta' filghodu (1:00am) zgur.

Illi nhar is-6 ta’ Awwissu, 2013 xehdet **WPC 251 Sally Anne Felice** u giet mistoqsija tispjega lill-Qorti x'involviment kellha f'dan il-kaz, hija spjegat li l-involviment li kellha kien li kienet xhud ta' *statement* waqt li kien hemm Elaine Muscat l-Ghassa. L-istatement sar mill-Ispettur Trevor Micallef u giet imwissija li dak li kienet se tghid kien jista' jingieb kontriha l-Qorti u li qalet qalitu bir-rieda taghha.

Giet murija Dok. CC 2 a fol. tnax (12) l-Istqarrija u giet mitluba tghid x'tista' tghid dwarha spjegat li din hi l-Istqarrija taghha u li kienet prezenti waqt li ttiehdet. Mistoqsija jekk hux qed taghraf il-firem hija spjegat li hemm tal-Ispettur Micallef u taghha. Hija spjegat li l-imputata ghazlet li ma tiffirmax l-Istqarrija. Mistoqsija kemm-il pagna fiha spjegat li tlieta (3). Mitluba tikkonferma jekk hux qeghda taghraf jew le lill-imputata prezenti fl-Awla hija spjegat li iva tikkonferma li hija l-imputata fl-awla. Mistoqsija jekk tikkonfermax li l-imputata rrilaxxat din l-Istqarrija b'mod volontarju hija spjegat li iva.

Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2013 xehed **PC901 Christopher Attard** u mistoqsi x'jaf fuq dan il-kaz huwa spjega li fit-tlettax (13) ta' Mejju ta' din is-sena huwa kien xoghol *night watch* u ftit wara li dahal l-Ghassa l-Qawra flimkien ma' ufficjali ohra Surgent 1128, PC 174 u PC 268 sab lill-Elaine Muscat. Jiftakar lis-Surgent 1128 kien taha s-soltu twissija lill-Elaine Muscat u qabel ma rrilaxxjat l-Istqarrija taghha kienet ghazlet li tikkonsulta mal-avukat taghha Dr. Brincat u minn hemmhekk baqghu sejrin gewwa l-font 16, Flt.1, Triq Bonavita Street, San Giljan.

Jghid li gewwa Triq Bonavita kellhom isibu lil Sandro Mifsud izda minkejja li habtu ghal diversi drabi hadd ma' kien fethilhom. Minn hemmhekk huma baqghu sejrin ma' Elaine il-*Lock Up*. Mistoqsi jekk lil Elaine Muscat qieghedx jaghrafha fl-Awla spjega li iva qieghed jaghrafha prezenti fil-bank tal-imputata. Mistoqsi jekk ghandux xi jghid iktar rigward l-investigazzjoni li kellu huwa spjega li l-involviment tieghu f'dan il-kaz daqshekk biss kien.

Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2013 xehdet **WPC 174 Joan Bonello** u spjegat li fit-tlettax (13) ta' Mejju, ta' din is-sena kienet xoghol bil-lejl San Giljan u ftit wara li dahlet is-Surgent qalilha biex tmur maghhom l-Ghassa tal-Qawra ghax kien hemm Elaine Muscat biex igibuha San Giljan. Huma marru, kienet qeghda hemmhekk is-Surgent taha s-solita twissija u riedet taghmel kuntatt ma' Dr. Brincat kif fil-fatt ghamlet. Minn hemm telqu marru Triq Bonavita, San Giljan fejn kienet qieghda toqghod u peress li ma kellhiex cavetta fuqha bdew ihabbtu l-Pulizija l-kollegi taghha mal-bieb ghax suppost kellu jkun hemm certu Sandro Mifsud. Pero' habbtu hafna drabi u hadd ma fetah u anke hi ndikatilhom jigifieri li lanqas il-karrozza tieghu ma

kienet qieghda pparkjata hemmhekk. Imbaghad baqghu sejrin biha l-*Lock Up* il-Furjana.

Mistoqsija jekk hux qed taghrafha hawnhekk prezenti fl-Awla u jekk qeghdx tindika lill-imputata hija spjegat li iva. Mistoqsija tghid l-ghala marru jarrestaw lil Elaine Muscat u jekk taf fuq x'hiex u x'rapport kien sar, hija spjegat li kien sar xi rapport rigward xi serq ta' flus. Mistoqsija jekk tafx aktar fuq x'hiex inhu dan is-serq ta' flus u x'kien ezatt ir-rapport hija spjegat li kien hemm xi ammont sustanzjali ta' flus u kien hemm xi wiehed ragel li allega li Muscat haditlu xi ammont sustanzjali ta' flus. Mistoqsija jekk tafx l-ammonti u kif graw l-affarijiet hija spjegat li ma tafx *as such* ghax hi kellha teskortaha.

Illi nhar it-3 ta’ Jannar, 2014 xehed **PC 268 James Farrugia** u gie mitlub fuq dan il-kaz, l-investigazzjonijiet tieghu u jekk kien hemm xi haga ohra jispjega lill-Qorti x’gara huwa spjega li nhar it-tlettax (13) ta’ Mejju, 2013 waqt li kien xoghol *duty night watch* hu flimkien mal-kollegi tieghu marru l-Ghassa l-Qawra jeskortaw lil Elaine Muscat ghar-residenza taghha biex jaghmlu *search*. Hi qaltilhom li m’ghandhiex cavetta u qaltilhom jista' jkun hemm certu Sandro Mifsud.

Habbtu diversi drabi fuq il-bieb imma ma fetah hadd. Imbaghad nizzluha l-Ghassa u tellghuha l-*Lock Up*. Mistoqsi fuq x’hiex kienet it-tfittxija, wiegeb li fuq flus. Mistoqsi jekk jafx il-kaz huwa spjega li l-kaz ma jafux sew ghax is-Surgent qallu biex imorru jfittxu xi flus. Mistoqsi jekk jafx kemm kien l-ammont huwa spjega li ma jafx kemm. Mistoqsi dakinhar x’kien xoghol huwa spjega li kien *night watch*. Mistoqsi jekk hux dakinhar li saret it-

tfittxija huwa spjega li iva kienu marru dakinhar u l-bieb ma fethu hadd. Mistoqsi jekk l-ordni saritx minghand xi hadd jghid li iva kien tahielu s-Surgent. Mistoqsi x'involviment kellu iktar f'dan il-kaz huwa spjega li xejn aktar. Mistoqsi jekk lill-imputata qieghedx jaghrafha hawnhekk huwa spjega li iva.

Illi nhar is-6 ta' Frar, 2014 xehdet **Anna Mallia** u giet mistoqsija jekk hijiex xi sid ta' xi blokka ta' appartamenti u hija spjegat li mhux blokka imma *flat*. Mistoqsija jekk numru (1), fond numru sittax (16), Triq Bonavita, San Giljan huwiex il-*flat* li qed jitkellmu fuqu hija spjegat li iva. Mistoqsija ezattament fit-tlettax (13) ta' Mejju, elfejn u tlettax (2013) tas-sena l-ohra kinux gew ghandha l-Pulizija, jew kinux kellmuha jew ghamlux kuntatt maghha hija spjegat li darba kienu marru l-Pulizija. Mistoqsija jekk tafx fuq x'hiex hija spjegat li lilha ma tawhiex sodisfazzjon. Huma riedu jafu certu affarijiet u tghid li tak li talbuha qalitulhom. Mistoqsija jekk hi kinitx taf min kien qed jghix f'dak il-*flat* hija spjegat li hija tafha ghax giet, kienet gibitu fuq il-gazzetta u cemplitilha u kritulha daqshekk biss. Mistoqsija jekk tafx l-isem u l-kunjom hija spjegat Elaine Muscat hekk jidhirlha. Mistoqsija jekk taghrafx lill-persuna li cemplitilha hijiex fl-Awla spjegat li hija l-mara bil-flokk ahmar u ndikat lill-imputata. Mistoqsija ghalkemm perjodu ta' zmien kienet krietilha l-post u din qalet li kien ghall-perjodu ta' sentejn (2).

Illi nhar il-21 ta' April, 2014 xehed **Sandro Mifsud** u spjega li huwa ilu jaf lill-imputata odjerna ghal dawn l-ahhar sittax (16)-il sena. Fil-fatt huwa ghandu relazzjoni maghha. Jiftakar li dakinhar tat-tlettax (13) ta' Mejju, 2013 huwa kien mar l-Ghassa flimkien maghha u dakinhar li kienu marru l-Ghassa sabiex hija tiffirma l-*Bail Book* il-Pulizija kienu staqsewha ghalih u

dan ghaliex huwa kellu Mandat ta' Arrest fil-konfront tieghu peress illi huwa kellu kawza ma' omm it-tifla tieghu u spjega li effettivament in segwitu kienu ndunaw illi l-arrest kien ghalxejn ghaliex hu ma kienx gie notifikat biex jidher f'dik il-kawza.

Jaf illi Alfred wara dahru kien jaghti xi flus lil Elaine. Jaf ukoll li sahansitra kien jittantaha u spjega wkoll li kien imur ghandhom. Mistoqsi x'kunjomu dan Alfred spjega li llum il-gurnata huwa nesa pero' jaf li ghandu karozza bajda qisha Jeep.

Jaf illi maz-zmien dan Alfred sar jaf li beda jittanta lil Elaine u beda jghidilha biex Elaine titlaq lilu u tmur mieghu. Fil-fatt spjega illi kien jaf illi Elaine kienet qed tiehu l-flus minghand dan Alfred, pero' sahansitra mbaghad beda jissikkaha u ried jaghmel maghha wkoll ta' bilfors. Fil-fatt jaf ukoll li Elaine lilu kienet qaltlu li ma xtaqitx tmur mieghu u titlaq lix-xhud ghax fil-fatt kienet thobb lix-xhud.

Jaf illi sussegwentement dan ukoll irrabja maghha ghaliex qaltlu hekk u fil-fatt qaltlu li hija kienet gharusa u ma kinitx taf illi fil-fatt kien qed itiha l-flus bil-hsieb li tmur mieghu. Irvilla u sfurzaha biex taghmel mieghu, hi rrezistit u ma sar xejn.

Imbaghad jaf li sar diskors fis-sens li qallha li l-flus kollha li kien taha jekk ma ttihomlux lura qallha li huwa jaf li Elaine taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u jpattihiela. Dakinhar meta huwa ma kienx hemmhekk mar ihabbat kien fis-sakra, dahal gewwa daru wara li fethitlu Elaine u prova

jaghmel maghha. Ix-xhud jaf li Elaine qabdet il-*mobile,* pruvat iccempel u bdiet twerzaq u kien hemmhekk li qabad il-bieb u telaq il-barra. Spjega li kien hemmhekk illi dan allega li effettivament Elaine serqitu tlettax (13)-il elf. Huwa dakinhar ma kienx hemm ghaliex kien arrestat. Huwa dan li qal jafu ghax kienet qalitulu Elaine.

Illi nhar il-21 ta’ April, 2014 xehed l-**Ispettur Trevor Micallef** u spjega li fit-tlettax (13) ta' Mejju, 2013 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart (2:45) kien mar jaghmel rapport Noel Mifsud l-Ghassa tas-Sliema illi dan xi ftit sieghat qabel wara li telaq minn San Giljan kien ghaddej minn Ta' Xbiex minn fejn l-A1 Bar u kien ra lil Elaine Muscat. Hija kienet ghamlitlu sinjal u waqaf, qaghdu jitkellmu ftit, talabha bil-kemm tiehu u qaltlu bl-ghoxrin Ewro (€20) u kien accetta u haditu d-dar taghha. Dan qal li fil-but tieghu fin-naha tal-lemin kellu erbatax-il elf u tmien mitt Ewro (€14,800). Filwaqt fin-naha l-ohra tal-but kellu xi sebghin Ewro (€70) iehor. Hu qal li tewa l-hwejjeg tieghu fuq pultruna u wara li lestew li kellhom jaghmlu marret iggib xi haga Elaine, xi basket tal-plastik u gibditlu l-attenzjoni li kien hemm xi *envelope* mal-art. Din gabritlu l-*envelope* u tatulu f'idejh u x'hin lestew kollox qabad wassalha fejn kienet u rega' telaq lejn id-dar tieghu. X'hin wasal id-dar induna li kellu xi hdax-il elf u tlett mitt Ewro (€11,300) neqsin minn dawk il-flus kollha li kellu *plus* is-sebghin Ewro (€70) u rega' mar biex jipprova jfittixha l-Gzira pero' ma kinitx hemmhekk. Mar jaghmel rapport l-Ghassa Tas-Sliema izda rreferuh ghall-Ghassa ta’ San Giljan u kienu marru fil-post fejn kien mar maghha li huwa 16, Flat 1, Triq Bonavita, San Giljan, habtu ghal diversi drabi pero' hi ma kinitx hemmhekk.

Irrizulta li Elaine Muscat kienet tiffirma l-Ghassa tal-Qawra fejn tal-Ghassa tal-Qawra iktar tard infurmawhom li kienet taht arrest u kienu telghu ghaliha. Kienet irrilaxxat stqarrija u wara s-solitu twissija kienet ghazlet ukoll li tkellem l-Avukat taghha Dr. Joe Brincat. Fl-erbatax (14) ta' Mejju kien kellimha fl-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu (9:45am) u wara li nghatat is-solitu twissija kienet irrilaxxat stqarrija fejn kienet ghazlet li ma tiffirmax. Prezenti ghal din l-istqarrija kien hemm huwa u WPC251 Sally Anne Felice. Huwa jaghraf il-firma tieghu u tal-imsemmija Kuntistabbli mara u l-istess stqarrija qieghda a fol. tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14) tal-Process.

Illi nhar it-22 ta’ April, 2014 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** u spjega li gie nfurmat mill-Ispettur tal-Ghassa ta' San Giljan certu Trevor Micallef fejn gie nfurmat li kellu kaz daqsxejn antipatiku fis-sens li Noel Mifsud kien irrapporta li kellu x'jaqsam ma' persuna ohra li huwa kien jafha sewwa u dana waqt li kien qed isir dan il-process biex jghid hekk gie misruq minn xi ammont ta' xi tlettax-il elf (13,000). Il-Qorti spjegat li dan il-process kien jikkonsisti billi kellu relazzjoni maghha. Huwa spjega li ezattament, dan il-kaz gara fit-tlettax (13) ta' Mejju tard mal-lejl cioe' wara s-siegha u nofs (1:30) ta' filghodu u l-ghada filghodu l-Ispettur Trevor Micallef kif diga' qal gablu lil Elaine Muscat peress li kienu sabuha u arrestawha fejn minn hemm kienet saret l-interrogazzjoni fil-konfront ta' dan il-kaz.

Huwa l-ewwel haga li ghamel wara li l-Ispettur Trevor Micallef kien ghadu kif hadilha stqarrija huwa li cempel lill-vittma Noel Mifusd. Il-vittma kien gabu l-ufficcju tieghu u spjegalu pass pass kif gara u ma garax l-istorja.

Dana milli jidher kien ghadu kif hareg u kien mar Paceville. Qal hu stess li kien ha xi *drinks* ghal aktar minn wiehed. L-ammont ma jiftakarx imma qal li ma jistax jiehu hafna xorb minhabba li hu qieghed taht kundizzjoni medika u ma jistax jistax jixrob fuq il-pilloli u jiftakar li tela' Paceville b'xi ammont konsiderevoli ta' flus bejn hmistax (15), sittax-il elf (16,000) fil-but.

Huwa staqsieh minn fejn gabhom u qallu li ghandu *partner* li selfithomlu. Lil din il-*partner* kellimha wkoll u xtaqet li ma titlax f'dawn il-proceduri imma qaltlu li kienet selfitu xi sittax-il elf ewro (€16,000) u biex jaqbad *business* gdid xi *business* rigward magni tal-kafe', biex jibda jgib u jissuplixxi hawn Malta. Dan minn wara Paceville baqa' jirrakkontalu li nizel mix-xatt ta' Tas-Sliema ghax-xatt tal-Gzira u minn hemmhekk iltaqa' ma' Elaine Muscat.

Elaine Muscat qieghed jaghrafha hawnhekk prezenti f'dina l-Awla. Il-Elaine Muscat qallu li kien jafha ghax huma t-tnejn mill-Belt u jafu lil xulxin u stedinha sabiex ikollhom x'jaqsmu flimkien. Hi qaltlu sabiex imorru fil-*flat* taghha wara li hu stedinha biex imorru fil-*flat* tieghu u marru fil-*flat* taghha. Il-*flat* kien 16, Flat 1, Triq Bonavita, San Giljan.

Minn hemmhekk jaf li kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien u libes u telaq l'hemm u hu u sejjer lura lejn id-dar li hija distanti ftit il-boghod minn San Giljan jekk mhuwiex sejjer zball x'imkien lejn l-Imsida qal li nduna li l-but hassu iktar vojt milli kien qabel.

Irrakkontalu ukoll illi ftit qabel waqt li hu kien ha jaqbad biex jilbes Elaine gibditlu l-attenzjoni li kellu *envelope* mal-art. Dak il-hin imbaghad qabad u tefghu minghajr ma qaghad iqis x'hemm u x'mhemmx. Qallu wkoll li huwa ghamel hekk ghax ma riedx juriha li kellu dak l-ammont konsiderevoli ta' flus, hallasha u telaq.

Ix-xhud kompla jispjega li waqt li hu kien sejjer lejn id-dar hass dan l-*envelope* artab u cioe' ma sabux ohxon kif kien. Wasal id-dar, iccekkja l-flus u nduna li kellu ammont konsiderevoli tas-somma nieqes. Spjega li bejn hdax (11) u tlettax-il elf (13,000). Direttament minn fejn id-dar tieghu huwa qabad u saq lejn l-Ghassa tal-Imsida u hemmhekk irrapporta dan il-fatt.

L-Ispettur l-ewwel haga talbu jaghtih deskrizzjoni tal-post li qed isemmi tal-*flat* fejn dahal u a fol. sitta u sittin (66) tal-process hemm skizz maghmul minn Noel Mifsud. Ix-xhud gharaf l-iskizz li ghamel Noel Mifsud tad-dehra minn gewwa tal-*flat*.

Dak il-hin stess baghat in-nies tieghu, irid isemmi ukoll li anke tahom deskrizzjoni ta' certu ndumenti cioe' tal-qalziet ta' taht taghha li kien qieghed ta' lewn celesti qisu fl-ahdar ezattament il-kulur ma jistax jghid x'inhu ezatti. Dana l-indument sabuh fuq hogor tat-tieqa. Ma jistax jikkonferma jekk mhux l-istess indument imma meta huma urewh imbaghad ir-ritratti li ttiehdu mill-Pulizija, mis-Surgent u anke mill-Kuntistabbli tieghu hu kkonferma li huwa jixbah hafna lilu.

Ikkonfermaw ukoll kif hemm fl-iskizz u li nizzel tajjeb hu li kien hemm certu pultruni li qeghdin imnizzlin u anke fl-iskizz ukoll u kif kienu ppustjati. Imbaghad baqghu jkellmu lil Elaine. Elaine ammettiet li kellha x'taqsam ma' Noel imma qatt ma ammettiet li hi serqet il-flus.

Noel lilu qallu li ltaqa' maghha fl-akkwata ta' bejn Ta' Xbiex u l-Gzira. Hemmhekk qaghdu jitkellmu. Hemmhekk jidher li hu stieden lil Elaine u safejn jaf hu meta staqsih qatt ma tkellmu fuq flus. Il-bqija mbaghad gara dak li gara. Huwa li jista' jzid imbaghad ukoll li Elaine lilu gibditlu l-attenzjoni kemm-il darba li kellha x-xewqa li taghmel ammissjoni. Elaine ghaddiet minn certu problemi kemm ta' droga u anke biex il-fatt li tmantni d-droga l-*habit* li ghandha kienet tispicca biex tipprostitwixxi ruhha u xtaqet li taghmel ammissjoni imma xtaqet ukoll li ma jkunx il-valur ta' tlettax-il elf (13,000). Issa ghal x'hiex ma jafx, jekk mhux ghax vera gara hekk il-kaz jew ma jafx jekk mhux qed tibza' li l-valur jista' jiddependi hafna mis-sentenza. Il-bqija jista' jipprezenta kopji ta' Sentenzi fil-konfront ta' Elaine Muscat mill-Magistrat ta' dak iz-zmien Lawrence Quintano **'Pulizija (Spettur Josric Mifsud) kontra Elaine Muscat**' deciza fl-erbgha (4) ta' Mejju, elfejn u disgha (2009) li giet immarkata bhala dokument LQ. Huwa spjega li qed jaghraf l-ID Card kollu ta' Elaine Muscat 204981. Qed jipprezenta ukoll Sentenza ohra tal-Magistrat Lawrence Quintano fil-konfront ta' Elaine Muscat deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju, elfejn u disgha (2009) li qed tigi mmarkata bhala dokument LQ1.

Huwa spjega li qed jaghraf l-ID Card ukoll ta' Elaine Muscat, Magistrat Lawrence Quintano ghat-tielet (3) darba fil-konfront ta' Elaine Muscat datat fit-tlieta (3) ta' Settembru, elfejn u disgha (2009) bl-ID Card

204981(M) immarkata LQ2. Sentenza ohra mill-Magistrat Antonio Mizzi fil-konfront ta' Elaine Muscat datata fid-disgha (9) ta' Ottubru, elfejn u sebgha (2007) u qed jaghraf id-dettalji kollha hawnhekk f'dina s-Sentenza ukoll immarkata Dok. AM. Kopja ohra ta' Sentenza mill-Magistrat Audrey Demicoli datata fis-sbatax (17) ta' Jannar, elfejn u sebgha (2007) **'Pulizija kontra Elaine Muscat'.** Huwa ra d-dettalji kollha nkluz anke l-ID Card number ta' Elaine Muscat immarkat bhala dokument AD. Sentenza ohra fil-konfront ta' Elaine Muscat din id-darba mahruga mill-Magistrat Doreen Clarke datata fis-sittax (16) ta' Dicembru, elfejn u ghaxra (2010). Hawn id-dettalji kollha ta' Elaine Muscat u mmarkata bhala Dok. DC. Fl-ahharnett citazzjoni u Sentenza fil-konfront ta' Elaine Muscat illi qed jaghraf id-dettalji taghha fil-kawza ta' Rahal Gdid datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru, elfejn u hdax (2011). Din qed tigi mmarkata bhala dokument DC1.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2014 xehdet **Elaine Muscat** u spjegat li Noel Mifsud il-kwerelant jafuh sew ghax jafuh di famiglia. Peress li ommha Valerie hija kunsilliera spjegat li gieli fil-fatt irrangatlu fuq xi permessi ta' hwienet ukoll. Fil-fatt kien ilu jigri warajha biex tmur mieghu pero' hija qatt ma xtaqet. Pero' taf li kienet tmur ghandu biex issellifha l-flus u spjegat li vera kien jaghtiha l-flus. Spjegat li fil-fatt gieli dahal ghandhom pero' dejjem bil-mohbi tal-gharus taghha. Darba minnhom tiftakar li hija kienet qieghda l-Gzira u kien gie u hi dahlet id-dar li kellha tas-Sliema. Hi ma rieditx ikollha x'taqsam mieghu pero' mbaghad wara hafna battibekki taf li beda jheddidha u qaltlu illi hija tista' theddu wkoll ghax xeba' jaghtiha flus ghad-droga. Imbaghad allega li hija serqitu tlettax-il elf (13,000) u mhux minnu li hija haditlu tlettax-il elf (13,000). Pero' minkejja li hi ma xtaqitx li jkollha x'taqsam mieghu dakinhar kienet cediet u nezet gharwina pero' ma

kellhiex x'taqsam mieghu u spjegat li fil-fatt anke hu kien neza' il-qalziet. Spjegat li meta hu kien qed jilbes taf li mill-but waqalu *envelope* kannella li gabritu, tatulu, fethu u rega' dahlu f'postu.

Mistoqsija x'kien fih l-*envelope* spjegat li ma tafx. Taf li kien *envelope* kannella daqsxejn kbir. Kien *size* A3 u mhux ohxon. Hija verament kienet il-Gzira ghal skop ta' prostituzzjoni u fil-fatt kien gie hemmhekk u gie javvicinaha biex ikollha x'taqsam mieghu u vera kienu marru go *flat* mikri lilha u l-*partner* taghha. Pero' Noel kien jaf fejn ghax gieli gie. Dak il-hin gol-*flat* ma kien hemm hadd hliefa u hu. Il-*partner* taghha ma kienx hemm. Dakinhar il-*partner* taghha kien arrestat. Mistoqsija kemm ilha taf lil Noel spjegat li tafu hafna sahansitra anke l-ohtu taf. Taf pero' li huwa miggieled ma' ommha. Pero' peress li kien miggieled ma' ommha ma tantx kien ikellimha lilha. Hi ghadha sal-lum ma tafx ghaliex ghamel dan ir-rapport falz fil-konfront taghha. Mistoqsija jekk hija haditx flus inqas minn dik is-somma dakinhar spjegat li le hija hadet dak biss li taha hu. Huwa taha hamsin ewro (€50) u hija hadithom u harighom mill-portmoni tieghu mhux minn *envelope*. Spjegat li hija gieli kellha akkuzi fil-prostituzzjoni u gieli giet akkuzata illi waqt il-prostituzzjoni hija serqet xi flus minghand xi nies pero' qalet illi l-bniedem ghandu c-cans jinbidel bhal dejjem. Fil-fatt din id-darba kienet hi li ddenunzjat ruhha l-Pulizija. Spjegat li hija qieghda ssentenzjata u s-sentenza taghha tispicca fil-hmistax (15) ta' Dicembru, elfejn u erbatax (2014). Mistoqsija jekk ghadhiex f'relazzjoni ma' Mifsud spjegat illi le ma ghadhiex.

Illi nhar it-12 ta’ Marzu, 2015 xehdet **Valerie Borg** u spjegat li hija tigi omm Elaine Muscat li llum-il gurnata qieghda detenuta l-Facilita' Korrettiva ta'

Kordin. Spjegat li effettivament hija kellha zewgt (2) itfal jiehdu d-droga mhux wahda. Naturalment dina kellha effett negattiv kbir fuqha. Tant u hekk li kienet anke sahansitra torqod bil-portmoni taht rasha, *mobile* taht l-imhadda u sahansitra kellha ukoll diversi serqiet id-dar. Spjegat li t-tifla Elaine kienet ghamlet tlett (3) programmi biex tfieq mid-droga wiehed minnhom mal-Caritas. Imbaghad sahansitra taf li kienet giet id-dar u kienet fittxet fid-*diary* taghha u kien hemm zewg (2) ittri T u S. Hija kkonfrontatha x'kienu u ma qaltilha xejn pero' hija fil-fatt fehmet li kienu '*took smack*'. Taf li effettivament ghamlet programm is-Sedqa pero' ma segwitux kollu, harget minnu u ppretendew li jghidulha hi ghaliex kienet waqfet pero' ma qaltiliex. Taf ukoll li ghamlet programm l-Oasi, Ghawdex u spjegat li waqt li ghamlet dan il-programm dejjem kienet hemm ghaliha.

Insegwitu ommha mardet u marret tghix maghha biex tiehu hsiebha u spjegat li qabel ma mardet kienet tigi toqghod ghandhom ukoll Elaine. Spjegat li sahansitra anke kienet serqet l-ommha u kienet serqet xi fliexken tal-*whiskey* u kienet spiccat ghamlet xi jiem Psychiatric Ward. Spjegat li effettivament bdiet relazzjoni ma' bniedem li m'hawnx ghar minnu f'din l-art. Qaltilha darba, darbtejn, tlieta imma kellha l-eta' taghha u spjegat illi din it-tifla lilha kissritha u ma tistax terga' tghaddi minnha. Spjegat li llum il-gurnata ma jidhriliex li t-tifla taghha ghad ghandha problemi tad-drogi. Illum il-gurnata taf li qatghet kull kuntatt li kellha mar-relazzjoni li kellha u ghandha *boyfriend* iehor. Ix-xhud spjegat illi t-tifla taghha l-habs ma tiehux droga imma appena tohrog terga' taqa'. Hija mhijiex lesta li taccettaha lura d-dar u tibza' li terga' tehodha lura d-dar wara dak li gara.

Illi nhar is-16 ta’ April, 2015 xehed **Dr. Joseph Spiteri** u spjega li hu qieghed jigi ezentat mis-sigriet professjonali tieghu mill-imputata prezenti fl-Awla. Spjega illi l-imputata fil-fatt ilha pazjenta tieghu ghal aktar minn hames (5) snin u fil-fatt huwa kien jaraha kemm fil-kapacita' tieghu ta’ psikjatra gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll gewwa l-isptar Monte Carmeli privatament. Ikun hemm perjodu meta hija titlef hafna *weight* jew perjodu meta zzid hafna piz u dawn huma wkoll relatati ma' frustrazzjoni li jgiegheluha tiehu s-sustanzi illeciti u spjega illi din il-probabilita' tikber skont ma' min tkun qed taghmilha. Illum-il gurnata spjega li qed jaraha gewwa l-Facilita' Korrettiva ta’ Kordin. Spjega li llum il-gurnata kif jidher mill-istat fiziku taghha hija tajba. Spjega wkoll illi l-istat mentali taghha huwa wkoll stabbli. Qed tiehu l-medicini kollha li huma preskritti lilha u spjega illi hija *drug free*. Mistoqsi jekk apparti l-problemi ta’ *eating disorders* ghandha problemi ohrajn u spjega li iva fil-fatt kellha. Spjega li konsegwenzi ta' *eating disorder* huma *depression* li l-imputata jkollha hafna. Spjega wkoll illi minhabba f’hekk tiehu d-droga.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta’ April, 2015 u in segwitu l-istess partijiet jawtorizzaw il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

M’hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9**. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda

ghandhiex mis-sewwa jew hiex konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti mhix f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta giet biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija m'ghexietx il-process tul medda ta' zmien, ma semghetx ix-xhieda (ghalkemm semghet uhud minnhom) jixhdu *viva voce* quddiemha, ma setghetx tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom kollha peress li ma kinitx hija stess li kkonstatathom, u ma setghetx thoss u tara x'interess seta' kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jinghad pero' li l-Qorti semghet kemm lill-imputata kif ukoll lill-parte civile jixhed in kontro-ezami li f'dan il-kaz huma l-iktar zewg xhieda mportanti. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputata qed tghid il-verita' jew ma hijiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputata mhix hatja tad-delitti mputati lilha, trid ukoll tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghha, speci ta' kongura minn persuna - l-kwerelanta - biex taddebitalha delitti li ma kkommettietx.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-

eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzata ma trid tipprova xejn dwar l-innocenza taghha - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghha. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – Vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire, spetta a chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

In fatti **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller v Minister of Pensions</u>** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira uzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi ghalhekk ikun opportun li qabel ma' din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda mismugha tghid ftit kliem dwar l-*iter* ta' dawn il-proceduri.

Illi l-imputata giet akkuzata talli hija pprostitwiet ruhha mal-persuna ta' Noel Mifsud u waqt li kienet qed tipprostitwixxi ruhha mieghu fil-fatt serqitlu somma flus konsiderevoli u cioe' is-somma ta’ hdax-il elf u tlett mitt euro (€11,300) kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Noel Mifsud a fol. 60 tal-Process. Illi l-imputata cahdet li hija serqitlu dan l-ammont ta' flus anzi tghid li meta kien mar maghha kien waqghalu mill-but *envelope* u kienet hi li attiratlu l-attenzjoni ghal dan l-*envelope* li kien mal-art u dwar dan Noel Mifsud jaqbel u ex admisses tghid li qaltlu “*ghandek pakkett mal-art*”. Huwa ghalhekk dar gabru u tefghu fil-but. Jghid ukoll li lill-Pulizija kien qallu li fuqu dakinhar kellu s-somma ta' erbatax-il elf u tmien mitt ewro (€14,800) pero' meta xehed in kontro-ezami fil-25 ta' Awwissu, 2014 jghid li fil-but dakinhar kellu s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000). PS 94 Jack Farrugia a fol. 74 tal-atti jghid li Noel Mifsud kien mar l-Ghassa u kien allega li kellu s-somma ta’ ghaxart elef ewro (€10,000) jew ftit aktar qabel ma kien mar mal-imputata. PS 609 James Magro u WPC 245 Christina Delia jghidu li l-kwerelanti ried jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija li kienu nsterqulu s-somma ta' hdax-il elf u tlett mitt ewro (€11,300) u kien indika lill-imputata. L-ispettur Carlos Cordina fix-xhieda tieghu jghid li l-kwerelant kien allega mieghu li l-imputata serqitlu s-somma ta' tlettax-il-elf ewro (€13,000) ghalkemm dakinhar kien hareg bis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) flus kontanti fil-but.

Jidher li a tempo vergine l-imputata cahdet li kienet serqet xi flus tal-imputat. Jidher ukoll li ftit wara li giet irrapportata din is-serqa kien sar *search* fil-fond fejn kienet tirrisjedi l-imputata gewwa Bonavita Street pero' ma nstab xejn. Jidher ukoll li l-kwerelant meta kien mal-imputata fil-*flat* kien il-hin kollu maghha u fl-ebda hin ma jghid li raha tisraqlu l-flus. Huwa

dehrlu li kienet hi ghaliex meta eventwalment mar id-dar u fetah l-*envelope* sab li allegatament kellu somma flus inqas minn dik li haseb li kellu. Fl-ebda hin pero' ma jghid fejn kien il-gurnata kollha jew x'ghamel qabel ma ltaqa' mal-imputata, jekk kienx fil-kumpanija ta' terzi jew jekk kienx halla l-*envelope* x'imkien iehor.

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-flus li kellu Noel Mifsud inghataw lilu dakinhar stess minn mara li allegatament kienet fi shab mieghu fuq xi mportazzjoni tal-magni tal-kafe' u cioe' li kienet ser tghinu f'xi *business* u kienet silfitu dan l-ammont biex jibda jixtri l-merkanzija.

Jghid fix-xhieda principali tieghu li huwa "*kien ser jitfaghhom f'kumpanija gdida, jikkonferma li dawn il-flus selfithomlu l-partner tieghu li hija partner tieghu fir-restaurant u peress li hi gibdithom is-Sibt u l-Hadd ma setghax jehodhom il-Bank kien sejjer bihom it-Tnejn filghodu biex jitrassferihom barra biex ihallas xoghol li parti minnu kien inbid u parti minnu kien ha jkun magni tal-kafe'*".

Illi pero' jinghad li l-kweralant qatt ma semma' min kienet din il-*partner* tieghu u l-Prosekuzzjoni qatt ma resqet lil tali persuna sabiex tikkonferma dak li Noel Mifsud qal dwarha u cioe' li kienet gibdet dan l-ammont u li in segwitu ghaddiethom lilu. Din kienet tkun prova cirkostanzjali li effettivament verament il-parte civile seta' kellu dak l-ammont ta' flus fuqu meta kien fil-kumpanija tal-imputata. Noel Mifsud jghid li ma setghax jiddeposita l-flus il-Bank ghaliex kien jum il-Hadd, pero' jinghad li din mhix skuza ghaliex depositi jsiru erbgha u ghoxrin siegha kuljum fil-Bank. Ma jidhirx idejali li bniedem li jkun silef somma flus daqstant kbira jzommha

fuq il-persuna tieghu fil-but u jmur ma’ prostituta li kien jaf ben tajjeb minn qabel bla ma jzomm attenzjoni partikolari fuqhhom. Molto piu' meta jinghad li kienet l-istess kwerelanti u dan mhux kontestat min Noel Mifsud li kienet hi li attiratlu l-attenzjoni ghall-*envelope*. Wiehed ghalhekk gustament jistaqsi ghaliex meta gabar l-*envelope* ma ccekkjax l-ammont izda stenna sakemm imur id-dar? Ma kienx ikun aktar verosimili li jiftah u jivverifika l-*envelope* dak il-hin u f’kaz li jirrizultalu xi nuqqas jghajjat il-Pulizija proprju dak il-hin.

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li din l-akkuza tas-serq ma tirrizultax provata b’mod sodisfacenti sal-grad rikjest mil-ligi.

Dwar it-tieni reat jew ahjar dik ta' ricettazzjoni skond is-sentenzi nostrana u appuntu s-sentenza fl-ismijiet **Pol vs Joseph Bugelli** deciza fl-24 ta' Jannar, 1941 inghad li *“ir-ricettazzjoni tikkonsisti f’att posterjuri ghad-delitt tas-serq jew reat iehor kontra l-proprjeta’ u hija delitt ghalih u ma tirrivestix il-karattri tal-komplicita.*

*L-elementi tar-ricettazzjoni huma-*

*i.* *Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta.*

*ii.* *Li l-persuna akkuzata bhala ricettatur tkun irceviet jew xtrat l-oggett provenjenti minnu dak id-delitt jew b’xi mod indahal biex tezita jew tbiegh dak l-oggett. (It-tieni element jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni.)*

*iii. Li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza l-element materjali tar-ricettazzjoni.*

*Imma biex ikun hemm dak l-element hemm bzonn li l-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkoopera ruhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux illi kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament ta' l-oggett misruq jew illegittimament ottenut dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni".*

Illi fil-kaz in desamina ma jirrizultax li l-imputata f'xi hin qatt kellha xi haga prorpjeta' ta' Noel Mifsud fil-pussess taghha u ghalhekk zgur li l-element materjali ta' dawn l-elementi hu nieqes u konsegwentement dan ir-reat ma jistghax jirrizulta.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik ta' prostituzzjoni, jinghad bla tlaqliq li l-imputata stess fix-xhieda li tat il-Qorti ammettiet li marret ma' Noel Mifsud fil-propjeta' taghha San Giljan pero' tghid li dan ma kienx volontarju izda marret mieghu ghax sforzaha. Tghid pero' li verament irceviet is-somma ta' ghoxrin euro (€20) ghas-servizz li tat. Ammettiet li kienet il-Gzira meta ltaqghet mieghu. Dwar din l-akkuza din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju molto piu' meta tqis dak li qal Noel Mifsud meta ddeskriva l-*flat* tal-imputata u jaghti dettalji dwaru nkluz li l-imputata dakinhar kienet liebsa qalziet ta' taht kulur celest li del resto verament instab mill-Pulizja l-ghada fis-*search*. Noel Mifsud fix-xhieda tieghu fis-27 ta' Mejju, 2013 (fol. 57) jghid ex admisses *"Kienu ghall-habta tas-siegha u nofs (1.30) ta' filghodu kont niezel mill-Gzira li kien jigi bejn l-A one Bar u Ripard u hemmhekk kien*

*hemm Elaine li kienet qieghda hemmhekk. Jiena dak il-hin l-ispeed tal-van naqqastu u bazikament ghamlitli sinjal biex nieqaf (sottolinear ta' din il-Qorti). Jiena ergajt dort, waqaft u qaltli nsomma li kienet ghax-xoghol, staqsejtha xi trid u ftehmna l-prezz u ghidtilha fejn ha mmorru, qaltli li ghandha post qieghed lejn San Gwann. Rikbet u tlaqna, bazikament dort u gbit lejn in-naha tas-Savoy bqajna telghin … imbaghad wara li lestejna qbadt ghoxrin ewro €20 u tajthomlha."*

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad dwar xi kazistika u gurisprudenza barranija ta' x'inhuma l-elementi fil-ligi ta' '*Prostituzzjoni*' u '*Prostituta*' kif imsemmija fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Duncan Fenech u Daniel Schembri** deciza fit-2 ta' Ottubru, 2014. Fil-fatt inghad li:-

*'the essence of prostitution is the making of an offer of sexual services for reward, and that is immaterial that the person making the offer does not intend to perform them and does not do so'. Prostitiution does not necessarily involve that the woman offers full sexual intercourse. A person who, for example masturbates clients, falls within the definition. Nor is prostitution confined to the case where the person offers his or her body **passively*."**

Il-ligi taghna titkellem fuq il-verb '*Tlajjar*' jew dak li jkun "*jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni* jew ghal skopijiet ohra immorali".

Illi ghall-finijiet ta` apprezzament tal-fatti rizultanti, din il-Qorti zzomm quddiem ghajnejha dak migjub fis-sentenza tal-25 ta' Jannar, 2007 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josephine Grixti,** u senjatament:

*"Illi kif ben tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. David Scicluna fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mary Rose Vassallo**" [29.3.2006] citata mill-appellanti, biex tirnexxi prostituzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63, irid jigi pruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghall-procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq jew f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat ("loitered") jew ghamlet biex thajjar ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova ssir permezz, u tista' tirrizulta minn diversi cirkostanzi, mehudha wahedhom jew flimkien, bhal per ezempju, diskors li ntqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkostanzi ohra."*

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Michael Falzon**" deciza fid-19 ta' Gunju, 2002 il-kliem: "*jitlajja jew jaghmel biex ihajjar ghal skop ta' prostituzzjoni u ("loiters or solicits for the purpose of prostitution", fit-test Ingliz) ma jirrikjedix li jkun hemm l-element li wiehed idejjaq lil dak li jkun jew "importuning" billi wiehed ikun "petulanti, insistenti, nojjuz u koncetti simili". Bizzejjed li persuna tkun miexja jew tistenna f'post maghruf ghal skop ta' laqghat immorali jew ta' prostituzzjoni. Hemm imbaghad cirkostanzi ohra li jindikaw li t-tlajjar ikun qed isir ghal skop immorali, bhal meta jsir f'xi triq mudlama jew imwarrba jew xi gnien pubbliku mwarrab jew mudlam u f'post li jkun maghruf ghal*

*dan l-iskop. L-element ta' thajjir imbaghad jista' jigi dezunt minn ilbies qasir u provokanti tal-persuna li tkun qed titlajja b'mod li jindika lil dak li jkun li dik tkun persuna abitwata u mixhuta fix-xoghol tal-prostituzzjoni u li qieghda hemm ghal dak l-iskop. L-element tac-"circumstantial evidence" huwa f'dan ir-reat evidentement importanti u minnu wiehed jista' jiddezumi l-veri ntenzjoni ta' dak li jkun*".

Illi dak hu proprju li ghamlet l-imputata u cioe' li kienet qieghda l-Gzira ghax-xoghol ta' prostituzzjoni u ghamlet sinjal lil Noel Mifsud sabiex dan imur maghha u jhallasha tax-'*xoghol*' sesswali li taghmel mieghu tant li *ab initio* kienu anke ftehmu fuq prezz ta' €20. M'hemmx dubju ghalhekk li din l-akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Illi r-raba' akkuza li ghandha l-imputata hija dik tar-recidiva. Fil-fatt ir-recidiva hija akkuza u reat <u>per se</u>, separata u distina minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista' jigi liberat minn akkuza ta' recidiva. L-imputata hija akkuzata bir-recidiva kif kontemplata fl-artikoli 49 u 50 u mhux bl-artikolu 289 tal-kodici penali. L-effetti tar-recidiva ma huwiex li l-istess persuna qed tigi punita darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun gja giet moghtija piena, izda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tigi punita ghall-fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghall-istess fatt, izda ghall-ewwel darba u bla precedenti.

Din l-akkuza tista' tirrizulta biss una volta din il-Qorti ssib lill-imputata hatja ta' xi akkuza moghtija f'din il-kawza u l-Prosekuzzjoni tipprova li hija gja

kienet giet sentenzjata f'reati ohra. Illi kif inghad aktar il-fuq din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tar-reat ta' prostituzzjoni u ghalhekk issa jmiss lill-Qorti tara jekk effettivament ghandhiex issibha hatja ukoll talli hija recidiva. Il-Qorti ezaminat is-sentenzi esebiti fl-atti mill-Ispettur Carlos Cordina fix-xhieda tieghu tat-22 ta' April, 2014 (fol. 165) meta esebixxa numru ta' sentenzi li gew immarkati bhala Dok. LQ, LQ1, LQ2, AM, AD, u DC. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi fejn hemm indikat l-istess particulars tal-imputata odjerna jirrizulta li l-imputata kienet instabet hatja fuq reati ta' serq, prostituzzjoni u pussess ta' droga eroina fejn kienet giet ikkundannata thallas diversi multi u nghata diversi *probations* kif ukoll sentenza ta' prigunerija effettiva kif jirrizulta mid-dokument AM a fol. 175 u ghalhekk l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll.

Illi ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza ta' prostituzzjoni u talli hija recidiva.

Dwar il-piena l-Qorti semghet lil Dr Joseph Spiteri jghid li l-imputata ilha pazjenta tieghu ghal aktar minn hames (5) snin. Jghid li kienet qed tbaghti minn *eating disorders* u fil-fatt ikun hemm zmien meta tkun ziedet hafna fil-piz u drabi ohra meta tkun *under weight*. Jghid li l-imputata ghandha problemi socjali u ohrajn li huma relatati ma' frustrazzjoni li jgieghluha tiehu sustanzi lleciti u din il-problema tikber skond ma' min tkun qed taghmilha. Jghid li l-imputata minkejja li ghadha zghira tbaghti minn *depression* u minhabba f'hekk kienet tiehu d-droga. Fil-prezent jghid li l-istat mentali tal-imputata huwa stabbli u anke s-sura fizika taghha hija tajba.

Il-Qorti rat il-passat taghha tramite ezami mill-fedina penali taghha u rat li minkejja li l-imputata ghandha biss erbgha u tletin (34) sena diga' nstabet hatja ta' diversi reati u appuntu ghandha aktar minn ghoxrin (20) *conviction* registrati fejn inghatat kull tip ta' pieni u cioe' giet ikkundannata thallas diversi multi, inghatat sentenzi sospizi, *probations* u anke del resto sentenzi ta' prigunerija effettiva u donnu ma taghlmitx mill-passat taghha ghax regghet qieghda l-Qorti akkuzata bir-reati appositi. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Avukat Generali u cioe' l-Artikolu 17, 31, 49, 50, 261 (c) (d) (f), 267, 268, 270, 279 (b), 280, 281, 334, 532A, 533, 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata ELAINE MUSCAT hatja tar-reat ta' prostituzzjoni u talli hija recidiva u tikkundannaha sena (1) prigunerija komplessivament u mhux hatja tar-reati l-ohra u tilliberaha minnhom.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------